Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,358, 10 ta' Diċembru, 2024
Taqsima B

A.L. 340 tal-2024

ATT DWAR IR-REĠISTRAZZJONI U L-LIĊENZJAR TA' VETTURI BIL-MUTUR (KAP. 368)

Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 20(2) tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, il-Ministru responsabbli għat-trasport għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali". L.S. 368.02.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, it-tifsira "Direttiva 1999/37/KE" għandha tiġi sostitwita b'din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Direttiva 1999/37/KE" tfisser id-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE tad-29 ta' April 1999 dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi kif emendata bid-Direttiva (UE) 2022/362 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Frar, 2022, kif emendata minn żmien għal żmien;".